# Il-logħba tradizzjonali tal-ġostra

*Kitba ta' David Grech*

Il-ġostra hija waħda mill-attivitajiet l-aktar mistennija mill-Ġiljaniżi fi żmien il-festa. Hija wkoll attrazzjoni għat-turisti li jsegwu b'interess din il-kompetizzjoni.



Mingħajr ma trid, meta ssemmi l-festa ta' San Ġiljan, apparti l-funzjonijiet reliġjużi, il-marċi u l-logħob tan-nar, mill-ewwel tiġi f'moħħok il-ġostra li ssir fil-bajja tagħna. Din il-kompetizzjoni ssir wara li jispiċċa l-marċ ta' filgħodu u tibda għal ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar. Eżattament kif tispiċċa, kulħadd jerħilha b'pass mgħaġġel biex jilħaq lil San Ġiljan ħiereġ fuq iz-zuntier tal-knisja!

Il-ġostra hija logħba tradizzjonali li tmur lura għal żmien il-Kavallieri. Il-kelma ġostra ġejja minn giostra, li bit-Taljan tfisser logħob kompetittiv.

Fil-ktieb tiegħu *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, l-awtur Guido Lanfranco jgħidilna hekk dwar l-oriġini tal-ġostra: "Il-kelma ġostra, li aħna writna mit-Taljan, nużawha biex niftehmu dwar dik il-logħba li ssir fuq il-baħar fejn nies jikkompetu biex jilħqu tarf arblu midluk bix-xaħmijiet. Imma tfisser kull għamla ta' logħob kompetittiv li kien isir fl-imgħoddi, l-aktar jekk kienu jipparteċipaw kategoriji differenti ta' nies tal-Ordni, bil-logħob tal-armi bħalma kien isir regolarment f'pajjiżhom. Għalkemm fi żmien l-Ordni kienu jsiru wħud minn dawn id-divertimenti bejniethom, in-nies tal-post kienu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom...."

Il-ġostra fil-fatt hija waħda mill-karatteristiċi tal-festi ta' barra (esterni) meta l-festa fis-sajf teħodna f'xatt il-baħar. Fil-każ tagħna, huwa fatt magħruf li fl-1842 "kien hemm il-ġostra fil-bajja ta' San Ġiljan nhar il-festa u għaliha marru għexieren ta' nies." Dawn iż-żewġ ritratti ferm antiki ta' hawn taħt juru l-ġostra fil-bajja ta' barra (Bajja tal-Balluta) għall-festa tal-Karmnu. L-ewwel ritratt jeħodna lura għall-1898 filwaqt li t-tieni wieħed ittieħed fl-1910!

l-kompetituri li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni għall-kbar (minn sittax-il sena 'l fuq), li normalment ikunu rġiel, iridu jirreġistraw biex jipparteċipaw billi jimlew formola. Kull min jieħu sehem irid ukoll jagħti daqqa t'id fl-armar tal-ġostra. Hemm ukoll il-kompetizzjoni għal tfal u żagħżagħ taħt is-16-il sena li, biex





jieħdu sehem, iridu l-kunsens tal-ġenituri tagħhom.

Fil-passat riċenti, din kienet issir minn fuq il-baħar iżda din inqattet minħabba problemi u spejjeż biex iġġib il-barkun (għal xi żmien ukoll, kienet issir fil-bajja ta' barra—il-bajja tal-Balluta—għall-festa tal-Karmnu).

Qabel tibda din il-kompetizzjoni jsiru t-tħejjijiet meħtieġa billi jindilek l-arblu twil li jintrama mal-moll fil-bajja ta' ġewwa (il-bajja ta' Spinola). Xaħam, sapun u griż huma fost l-ingredjenti li jintużaw fit-taħlita li biha jindilek l-arblu.

Għalkemm il-parteċipanti m'għandhomx bżonn xi taħriġ speċjali biex jieħdu sehem fil-ġostra, dawn xorta waħda jridu jkunu ħfief u f' forma fiżika tajba. Tajjeb ukoll insemmu li l-kompetizzjoni tal-ġostra ssir biss fil-lokalitajiet ta' San Ġiljan u l-Imsida.

Il-kompetituri jridu jieħdu ġirja kemxejn diffiċli minn fuq il-pont u jitilgħu mal-arblu midluk li jkun jiżloq. L-iskop huwa li jilħqu waħda mill-bnadar li jkunu twaħħlu man-naħa ta' fuq u fit-tarf tal-arblu (il-bnadar ta' Malta, tal-Papa u fl-aħħarnett il-Belġjana, ta' San Ġiljan). Jekk jirnexxielhom ikunu rebħu, iżda spiss jiġri li l-parteċipanti jiżolqu minn fuq l-arblu u jispiċċaw fil-baħar. Fl-aħħar tas-serata, ir-rebbieħa jiġu ppreżentati bi trofej bħala premijiet.

L-atmosfera tkun waħda ferriħija, u l-ispettaturi numerużi jinġabru minn kmieni fuq il-pont u faċċata madwar il-kosta tal-baħar.



Dawn jiġu biex igawdu din l-attività u biex ikomplu jagħtu kuraġġ lill-parteċipanti permezz tal-għajjat u s-sapport tagħhom.

Riċentement kelli l-opportunità li nitkellem ma' Simon Bugeja li qed iżomm ħajja t-tradizzjoni tal-ġostra. Infatti, Simon ilu jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-ġostra għal diversi snin.

L-imħabba u d-dedikazzjoni lejn il-ġostra wiritha mingħand missieru Nazju li bla dubju ta' xejn jibqa' sinonimu ma' dan l-isport uniku. Simon mexa fuq il-passi ta' missieru u bħalu rnexxielu jkaxkar diversi unuri fiha.

Bix-xieraq li nsemmu lil dan il-veteran tal-ġostra, Nazju Bugeja, li din is-sena qed infakkru l-għaxar anniversarju mill-mewt tiegħu. Huwa miet fid-29 ta' Jannar tal-2007.

Kien bis-saħħa ta' Nazju li l-ġostra baqgħet popolari matul is-snin u hi tant mistennija ta' kull sena.





Hawnhekk qed inġibu ritratti fejn fihom jidher Nazju fl-azzjoni, qed jixxabbat fuq l-arlblu midluk bix-xaħam biex jilħaq waħda minn dawn il-bnadar, jaħtafha bejn idejh, u jinxteħet biha l-baħar.



**Min kien Nazju Bugeja?**[1]

Nazju Bugeja twieled San Ġiljan nhar l-10 ta' Ottubru 1932. Iżżewweġ lil Ġuża, imwielda Desira, u kellhom tlett itfal, Simon, Karen u Sandra. Għalkemm huwa kien jaħdem mal-Enemalta fid-diviżjoni tal-Petroleum—dak iż-żmien *The Shell (Malta) Co. Ltd*—minn dejjem kien dilettant kbir tal-baħar u tas-sajd.

Nazju kien ukoll dilettant kbir tal-festa u dejjem ta sehmu fl-armar tal-festa f'dak li għandu x'jaqsam ma' tiżjin tat-toroq u tlugħ ta' arbli. U bħal ħafna ulied oħra, Simon kien dejjem jiġri wara missieru, u kull meta Nazju kien jinżel biex jgħin lil tal-armar, Simon kien ikun hemm jagħti sehmu huwa ukoll flimkien ma' missieru. Simon fil-fatt baqa' dilettant tal-festa u, flimkien ma' dilettanti oħra, jaħdem fil-kumitat tal-Armar.

Bla dubju, kull min hu dilettant tas-sajd jew tal-baħar, jiftakru lil Nazju jħuf f'Xatt is-Sajjieda biex jara lil min jista' jagħti xi daqqa t'id biex ivara jew itella' xi dgħajsa, jew inkella biex jixkatla jew jiżbogħ xi luzzu!

Minħabba li fil-festa ta' San Ġiljan ġa kienet issir il-ġostra, u hu kien dejjem iħobb jinżel sax-xatt, wera x-xewqa li jibda jieħu sehem fiha hu wkoll. U minn dakinhar 'il quddiem baqa' jitla' l-ġostra sena wara l-oħra, u baqa' sakemm beda jorganizzaha huwa stess flimkien ma' ħuh Ġużeppi, magħruf bħala iż-Żużu. Ħuh l-ieħor iż-żgħir, Alfie, ukoll kien jitla' l-ġostra. U hawnhekk wieħed ma jistax ma jsemmix lil Louis Bugeja, li jiġi in-neputi









*Mill-passat .... Nazju Bugeja fl-azzjoni!*

*1. Referenza - Nazju Bugeja - Veteran tal-ġostra tradizzjonali f'San Ġiljan - M. Pirotta*

ta' Nazju, li wkoll kien sinonimu mal-ġostra.

Ħolma oħra ta' Nazju kienet li jakkwista arblu tal-ġostra. Din il-ħolma fl-aħħar saret realtà wara li l-Għaqda tal-ġostra rnexxielha takkwistah permezz ta' għajnuniet varji fl-1988. Għax għal Nazju, il-ġostra tant kienet saret xi ħaġa speċjali, li saħansitra ra kif għamel u ħajjar lil ibnu stess biex jibqa' jżommha ħajja f'San Ġiljan. Illum, fil-fatt, Simon huwa l-moħħ prinċipali wara l-ġostra li, flimkien ma' sħabu tal-Għaqda tal-ġostra, jorganizzaha fil-festa ta' San Ġiljan. Xogħolu huwa li jżomm din it-tradizzjoni ħajja kif dejjem xtaq missieru!

Is-sena l-oħra twettaq pjan ieħor li kien ilu f'moħħ l-għaqda tal-ġostra. Dan kien li jinstab post adegwat fl-istess bajja ta' San Ġiljan fejn jista' jitpoġġa l-arblu matul is-sena. Dan il-proġett seħħ billi nħarġu l-permessi meħtieġa u bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali. Dan ix-xogħol sar kollu mill-membri tal-Għaqda tal-ġostra.

Nirringrazja lil Simon Bugeja tal-informazzjoni u ritratti li **għaddieli** biex seta' jsir dan l-artiklu.

**Il-futur tal-ġostra**

Huwa importanti li nfakkru li, biex tittella' l-ġostra, hemm bżonn ukoll il-permessi tal-Kunsill Lokali u tal-pulizija. Trid ukoll issib sponsors għall-premijiet. Jinvolvi wkoll l-ispejjeż biex ikollok preżenti waqt il-kompetizzjoni tal-ġostra tim tal-*First Aid* f'każ ta' aċċident. Sfortunatament, mhux dejjem jinstabu l-għajnuna u l-finanzi biżżejjed biex wieħed jifdi dawn l-ispejjeż.

L-akbar xewqa ta' Simon hija li aktar voluntiera jagħtu l-għajnuna tagħhom biex din it-tradizzjoni sabiħa ma tinqatax u tibqa' titgawda mill-ġenerazzjonijiet oħra għas-snin li ġejjin.

L-appuntamenti mal-kompetizzjoni tal-ġostra għal din is-sena huma għall-weekend ta' qabel il-festa u, l-aktar importanti, il-weekend tal-festa, li jinkludi il-ġostra għat-tfal u ż-żgħażagħ is-Sibt u dik għall-adulti l-Ħadd.

Nagħtukom parir biex ma titilfux din l-attività tradizzjonali tant mistennija mill-Ġiljaniżi!







